**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 232/20 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija tnejn u disgħin (1992) (iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A'), u minn dan iż-żwieġ l-istess partijiet kellhom wild wieħed (iċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom anness u mmarkat bħala Dok. 'B');

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri-Soler sa’ mis-sitta ta’ Frar elf disa’ mija sitta u disgħin (1996) (Kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘C’);

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minn barra li ilhom aktar minn għoxrin sena mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

4. Illi l-manteniment dovut f’dan l-istadju jibqa regolizzat mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali skont l-imsemmi kuntratt (vide it-tieni parti Klawsola 1 tad-Dok C hawn anness),;

5. Illi ċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta).

6. Illi r-rikorrenti jaf b’dawn il-fatti personalment.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex id-divorzju jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 t’Awwissu, 2020;

Semgħet lill-intimata twiegeb li m’ghandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Frar, 1996;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.